**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali taż-Żejtun**

ŻEJTUN
Citta` Beland

**Laqgħa Nru. 06/17**
**Data:** 21 ta' Ġunju 2017
**Ħin:** 6:42pm
**Post:** Sala Mikiel Cachia, 'Dar iż-Żwieten', Kunsill Lokali, 28 Triq Sant' Anġlu, Żejtun

**Frott iż-Żebbuġ Ismi**

---

**Preżenti**

Joe Attard - Sindku
Maria Dolores Abela - Viċi-Sindku
Amanda Abela - Kunsilliera (sas-7:28pm)
Joan Agius - Kunsilliera
Claude Camilleri - Kunsillier (sas-7:13pm)
Sean Chircop - Kunsillier
Stephanie Fenech - Kunsilliera (mit-8:05pm)
Joseph Hales - Kunsillier
Anton Falzon - Segretarju Eżekuttiv
Angelo Caruana - Assistent Prinċipali

**Skużati**

Raymond Caruana - Kunsillier
Laura Caruana - L-Ambaxxatriċi taż-Żgħażagħ

---

## AĠENDA

| | |
|---|---|
| **06.01** | **Qari tal-ittri ta' apologiji** |
| **06.02** | **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti** |
| **06.03** | **Komunikazzjoni mis-Sindku u Korrispondenza** |
| **06.04** | **Tweġibiet għal mistoqsijiet tal-Kunsilliera** |
| **06.05** | **Triq Marsaxlokk** |
| **06.06** | **Proġett San Girgor** |
| **06.07** | **UIF - Triq Sant' Anġlu** |
| **06.08** | **Triq Gwiedi** |
| **06.09** | ***Tender* Ħitan tas-sejjiegħ - Triq Xrobb l-Għaġin** |
| **06.10** | ***Quarterly Financial Statements*** |
| **06.11** | **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda tal-pagamenti** |
| **06.12** | **Affarijiet oħra; u** |
| **06.13** | **Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss** |

**06. 1. Qari tal-ittri ta' apologiji**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 06. 1. 1 | | Segretarju Eżekuttiv | Informa li Caruana ma setax jattendi għal laqgħa minħabba li hu indispost (imejl annessa) | Segretarju Eżekuttiv |

**06. 2. Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 06. 2. 1 | | Proponent: Sean Chircop Sekondant: Joan Agius | Il-Minuti 05/17 inqraw u ġew approvati nem.con. Mingħajr korrezzjonijiet | |
| 06. 2. 4 | | **Wara l-minuti ġew iffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv** | | |

**06. 2. Rapporti mill-Minuti**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 06. 2. 5 | 05.02.07 | Chircop: Premju Frans Sammut | Chircop informa lill-Kunsill li ġejna fit-Tieni post f'dan il-premju u ġejna preżentati b'ċekk ta' €1,000. Qal ukoll li ġew fl-ewwel post fuq kategoriji differenti l-Iskola Sekondarja taż-Żejtun u Michael Spagnol. | Chircop |
| 06. 2. 6 | 05.02.08 | Chircop: Iż-Żejtun taħt in-Nar - Tifkira 75 sena | Chircop qal li l-attivita` saret u kienet ta' suċċess u ġabet nostalġija lil dawk kollha li jiftakru żmien il-gwerra. Is-Sindku rrimarka li mxiet mal-epoka. | Chircop |
| 06. 02. 07. | 05.09.03 | Chircop: Filmati tal-*Bring In Sites* | Chircop staqsa dwar il-filmati li qed jinġibdu fuq il-*Bring In Sites.* Is-Segretarju Eżekuttiv qal li l-*Greenpak* provdewlna l-filmati u l-iktar abbużi saru minħabba li ma kienx hemm wisa fil-konteNituri. Dawn għandhom jiġu kkuntatjati u jittieħdu l-passi meħtieġa. | Segretarju Eżekuttiv |
| 06. 02. 08. | 05.09.09 | Chircop: Treasur Hunt | Chircop qal li din ser issir b'kollaborazzjoni ma' V18 u ser jintrebħu mal-€2000 f'rigali. Qal ukoll li l-applikazzjonijiet huma miftuħa. | Chircop |
| 06. 02. 09. | 05.09.10 | Chircop: Tabella tal-Librerija Pubblika | Chircop staqsa jekk ġitx irranġata t-tabella li hemm fl-Iskola Primarja. Hales qal li din ser tiġi rranġata. | Hales |
| 06. 02. 10. | 05.09.16 | Agius: Fuljett Sajf | Agius informat lill-Kunsill li l-Fuljett tas-Sajf ġie mqassam fid-djar kollha u baqa xi kopji żejda l-Kunsill. | Agius |
| 06. 02. 11. | 05.09.19 | Agius: Berġa | Agius qalet li d-diskussjonijiet mixjin. Id-Dipartiment ser jiġu sabiex jaraw x'hemm bżonn isir. | Agius |
| 06. 02. 12. | 05.09.21 | Agius: Alltofest | Joan infurmat lill-Kunsill li hi ma setgħatx tattendi ġewwa Napli għalhekk ipproponiet lil Rennie Desira sabiex jattendi hu. | Agius |
| 06. 02. 13. | 05.09.22 | Agius: Żejt iż-Żejtun | Joan infurmat lill-Kunsill li l-applikazzjonijiet daqt joħorġu sabiex min jixtieq jieħu sehem japplika. | Agius |

**06 3 Komunikazzjoni mis-Sindku u Korrispondenza**

Il-Kunsill ikkonsidra l-korrispondenza li rċieva kif inkluża fir-rendikont ML06/17. B'riferenza għal:

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 06 3 1 | | Sindku: Impjieg Frans Camilleri | Frans Camilleri ser jispiċċalu t-terminu ta' mpjieg tiegħu fil-21 ta' Lulju. Is-Segretarju Eżekuttiv kiteb lid-dipartiment sabiex jinqaleb fuq Part Time b'għoxrin siegħa xogħol fil-ġimgħa. | Segretarju Eżekuttiv |
| 06 3 2 | | Wirt iż-Żejtun: Bring In Site | Il-Kunsill irċieva proposta mingħand Wirt iż-Żejtun sabiex il-Bring-In-Sites ta' fejn il-Knsija ta' San Girgor jiġu mneħħija. Il-Kunsill qabel li għandhom isiru l-kameras u naraw jinqatax l-abbuż li qed isir. | Segretarju Eżekuttiv |
| 06 3 3 | | Joanna Schembri: Użu Ġnien l-Għannejja Żwieten | Il-Kunsill qabel li l-ħlas għal użu tal-ġnien għandu jkun dak ta' €150 | Segretarju Eżekuttiv |

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 06 | 3 | 4 | | Xogħol fuq filing: Andre Mifsud | il-Kunsill qabel li ser jitkellem ma' Joanne Muscat fuq il-proġett tal-filing sabiex jiġi determinat jekk hemmx bżonn ta' iktar għajnuna f'dan ir-rigward. | Segretarju Eżekuttiv |
| 06 | 3 | 5 | | Generoso Gatt: Ilment dwar ħsara ma' bollard | Il-Kunsill qabel li dan l-inċident ma jaqax fir-responsabilita' tal-Kunsill peress li l-bollard inkwistjoni twaħħlet propju ferm qabel ġew imwaqqfa l-Kunsill Lokali. | Segretarju Eżekuttiv |
| **06.** | **4.** | | | **Tweġibiet għal mistoqsijiet tal-Kunsilliera** | | |
| **Riferenza** | | | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | **Inkarigat** |
| **06.** | **5.** | | | **Triq Marsaxlokk** | | |
| **Riferenza** | | | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | **Inkarigat** |
| 06 | 5 | 1 | | **Sindku: Triq Marsaxlokk** | **Is-Sindku informa l-Kunsill li x-xogħol waqaf għal ftit. Huwa li talab lill-WSC sabiex isiru żewġ mains fuq kull naħa tat-triq. L-WSC issuġeriet li jsir main wieħed u jgħaddu pajpijiet gwida f'każ li jkollu jsir xi tiswijiet wara li titlesta t-triq.** | **Sindku** |
| **06.** | **6.** | | | **UIF - Triq Sant' Anġlu** | | |
| **Riferenza** | | | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | **Inkarigat** |
| 06 | 6 | 1 | | Sindku: Triq Sant'Anġlu | Is-Sindku qal li la qed jgħaddi t-traffiku minnha mhix l-idejali li ssir disinn bil-konkrit. Qal li qed isiru l-budgets għal dawn it-toroq u dawn għandhom jiddaħlu fil-proġetti li jmiss. | Sindku |
| **06.** | **7.** | | | **Triq Gwiedi** | | |
| **Riferenza** | | | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | **Inkarigat** |
| 06 | 7 | 1 | | Sindku: Triq Gwiedi | Is-Sindku informa l-Kunsill li qed nistennew li jinħarġu l-fondi tal-GAL sabiex inkunu nistgħu napplikaw għalihom. | Sindku |
| **06** | **8** | | | ***Quarterly Financial Statements*** | | |
| **Riferenza** | | | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċizjoni** | **Inkarigat** |
| **06** | 8 | 1 | | **Segretarju Eżekuttiv** | Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta r-rapport finanzjarju għal l-ewwel kwart tas-sena. Wara spjegazzjoni dettaljata dawn ġew approvai nem.con | |
| **06** | **9** | | | **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda tal-pagamenti** | | |
| **Riferenza** | | | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċizjoni** | **Inkarigat** |
| 06 | 9 | 01 | | Tabella tal-Ħlasijiet 06/17 | Il-Kunsill approva nem.con. li jħallas għas-servizzi kuntrattwali skond ir-rakkomandazzjoni tar-rappreżentant tal-Kunsill. | Segretarju Eżekuttiv |
| | | | | Talbiet għal Xiri Seduta 05/17 u 06/17 | Il-Kunsill approva nem.con. il-lista ta' ordnijiet għal xiri ta' xogħlijiet, oġġetti jew servizzi. | Segretarju Eżekuttiv |
| | | | | Petty Cash - April u Mejju 2017 | Il-Kunsill approva nem.con. il-petty cash li ntefqu fix-xhur ta' April u Mejju hekk kif preżentat. Dawn kienu jammontaw għal €99.23 u €143.26 | Segretarju Eżekuttiv |

| 06 10 Riferenza | | | Rif | Affarijiet oħra; u Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċizjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 06 | 10 | 1 | | Agius: Manucca Financial Statements | Ġew ppreżentati l-financial statements tal-Manucca Child Day Care Centre u spjegati l-figuri. | Agius |
| 06 | 10 | 2 | | Sindku: Festa 2017 | Sindku rrimarka li dis-sena reġat saret festa kbira u kien hawn ħafna kummerċ u involviment taż-żgħażagħ. Spikkat l-għaqda taż-żewġ soċjetajiet. | Sindku |
| 06 | 10 | 1 | | Viċi-Sindku: Għeluq tal-pjazza | Il-Viċi-Sindku qalet li qed tkun ta' inkonvenjent bl-għeluq tal-pjazza. Is-Sindku li dan huwa inevitabli għax ma tantx hemm x'tagħmel minħabba l-attivita` li tkun għaddejjha relatata mal-festa. | Sindku |
| 06 | 10 | 4 | | Hales: Ndafa fil-ġimgħa tal-festa | Hales qal li x-xogħol sabiex isir il-knis u ndafa tal-pjazza u l-madwar sar tajjeb ħafna mill-kuntrattur u dan ġie apprezzat ħafna mir-residenti. | Hales |
| 06 | 10 | 5 | | Chircop: Premijiet tal-kompetizzjoni tal-Ġimgħa l-Kbira | Chircop qal li l-premijiet intrebħu kif ġej: Saviour Abela rebaħ l-ewwel premju għal isbaħ wirja u Amabile Carabott għal isbaħ tiżjin | Chircop |
| 06 | 10 | 6 | | Fenech: Shake it | Fenech informat lill-Kunsill li dan huwa proġett b'kollaborazzjoni ma' V18 fejn ser isiru logħob tat-triq, ser ikun hemm trainers minn barra. | Fenech |
| 06 | 10 | 8 | | Hales: Tabelli Xrobb l-Għaġin | Hales qal li hemm bżonn jitwaħħlu t-tabelli neċessarji f'din it-triq għax m'hemm xejn. | Hales |
| 06 | 10 | 9 | | Hales: Bdil ta' tabelli tas-sqaqin | Hales informa lill-Kunsill li hemm bżonn jinbidlu t-tabelli tas-sqaqin għax qdimu. Il-Kunsill qabel li jsiru. | Hales |
| 06 | 10 | 10 | | Hales: Compactor | Hales qal li wasal iż-żmien li jinxtara compactor sabiex il-patching isir aħjar. Il-Kunsill qabel li għandhom jinġiebu quotations għal dan. | Segretarju Eżekuttiv |
| 06 | 10 | 11 | | Hales: Numerazzjoni tal-arbli bil-bozoz | Hales qal li bħalissa qed isir eżerċizzju sabiex jiġu mmarkati l-arbli li għandhom bozza sabiex jiġu identifikati malajr meta tinqala ħsara fil-bozza. | Hales |
| 06 | 10 | 12 | | Chircop: Grupp Letterarju | Chircop qal li ser l-kitbiet ser jinqraw bid-djalett waqt l-Għana Fest | Chircop |
| 06 | 10 | 13 | | Chircop: Kompetizzjoni tal-Inbid | Chircop qal li ser issir kompetizzjoni tal-inbid dak abjad, aħmar u Rose`. Dan se jsir waqt l-Għana Fest fl-24 ta' Ġunju | Chircop |
| 06 | 10 | 14 | | Chircop: Kompetizzjoni tal-arti | Din ser tkun miftuħa għal tfal bejn il-5 u t-13 -il sena. It-tpinġijiet ser ikunu esebiti waqt Arti fil-Beraħ u ser jingħata premju ġentilment mogħti minn VeeGeeBee. | Chircop |
| 06 | 10 | 15 | | Chircop: Arti fil-beraħ | Chircop informa l-Kunsill li Arti fil-Beraħ ser issir fid-9 ta' Lulju bis-sehem ta' diversi artisti u artiġjana Maltin. | Chircop |
| 06 | 10 | 16 | | Chircop: Kors dwar kif isir l-Inbid | Chircop qal li dan ser jerġa jsir u jibda f'Lulju | Chircop |
| 06 | 10 | 17 | | Chircop: Il-Fuljett Melite Post | Chircop qal li dan wasal fit-tielet ħarġa tiegħu | Chircop |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| 06 | 10 | 18 | Camilleri: Bankini u bozoz | Camilleri irrimarka li fi Triq Xrobb l-Għaġin u Triq Delimara hemm bankini nieqsa. Qal ukoll li hemm isir l-street lighting fi Triq Xrobb l-Għaġin qabel Triq il-Kotob. Sindku qal sabiex naraw x'hemm bżonn isir. | Sindku |
| 06 | 10 | 19 | Camilleri: Tabella | Claude ġibed l-attenzjoni sabiex tabella fi Triq Orazjo Diacono titwaħħal fuq il-bankina. Hales qal li meta twaħħlu hekk tqaċċtu. | Hales |
| 06 | 10 | 20 | Agius: Deputati | Agius qalet sabiex jintbagħtu ittri ta' tifħir lill-MP's ġodda tad-distrett u għandna nitolbu li ssir laqgħa magħhom. | Segretarju Eżekuttiv |
| 06 | 10 | 21 | Agius: Għana Fest | Agius qalet li l-Kunsill qed joffri l-kontribut tiegħu u għandna nħeġġu n-nies sabiex jattendu. | Agius |
| 06 | 10 | 22 | Agius: Posters | Agius ġibdet l-attenzjoni li l-posters mhux jitqaħħlu fil-ħin. | Caruana |
| 06 | 10 | 23 | Agius: Kapella Madonna tal-Ħniena | Agius qalet li r-riflector inqala minħabba xogħolijiet u għandu jerġa jinstablu post. | Agius |
| 06 | 10 | 24 | Agius: Triq il-Għadam | Agius staqsiet jekk tistax tinfetaħ il-biċċa one way f'din it-triq. Hales qal li se jkellem lill-TM | Hales |
| 06 | 10 | 25 | Agius: Triq l-Arċipriet Degabriele | Agius staqsiet jekk tistax tingħalaq waqt il-ħinijiet tal-iskola. Hales qal li se jkellem lil TM. | Hales |
| 06 | 10 | 26 | Agius: Ħsara fi Triq Luqa Briffa | Agius staqsiet jekk inġabarx ir-rapport tal-ħsara li saret fi Triq Luqa Briffa minn xarabank fi żmien il-festa. | Segretarju Eżekuttiv |
| 06 | 10 | 27 | Viċi-Sindku: Infjorata | Il-Viċi-Sindku qalet li l-infjorata saret fit-28 ta' April u kienet suċċess. | Viċi-Sindku |
| 06 | 10 | 28 | Viċi-Sindku: BBQ għall-persuni b'diżabilita` | Il-Viċi-Sindku qalet li ser isir BBQ għall-persuni b'diżabilita` fit-18 ta' Lulju San Tumas | Viċi-Sindku |
| **06** | 10 | | **Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss** | | |
| **Riferenza** | | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċizjoni** | **Inkarigat** |

Il-Viċi-Sindku għalqet il-laqgħa fl-9:50pm. Laqgħa oħra ser issir nhar il-Ħamis, 27 ta' Lulju 2017 fis-Sala Mikiel Cachia fl-uffiċċji tal-Kunsill Lokali Zejtun fis-6.00pm.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Joe Attard | Anton Falzon |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |